**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 39 – IT-TLIETA, 8 TA' OTTUBRU 2013 FIS-6.00PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | *Chairman* |
| Alfred Mangion | Viċi *Chairman* |
| Robert Vella Bonnici | Membru |
| Salvatore Mousù | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Assenti

| | |
|---|---|
| Janet Barthet | Membru |

**1 Minuti Numru 38**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Is-Sur Alfred Mangion ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Robert Vella Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Komunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Kien hemm diskussjoni rigward il-laqgħa taċ-Chiswick School. Ic-Chairman informa lill-Kumitat li l-iskola ser tagħmel l-almu kollha tagħha biex il-coaches ma jagħlqux it-triq imma m'għandhomx kontroll fuq il-ġenituri. Huma għandhom jkomplu jikkomunikaw mal-ġenituri fuq din.

2.2 Għandha tintbagħat reminder lil TM rigward l-applikazzjoni għal One Way fi Triq il-Gardell li ilha 20 xahar pendenti u rigward iz-zebra crossing li ilha mitfija mill-bidu li saret minn TM.

**3 Affarijiet Oħra**

3.1 Ġiet diskussa l-problema li hemm f'biċċa art fi Triq il-Gardell kantuniera ma' Triq G Despott fejn qed imorru ħafna nies bil-klieb u jħammġu. Ġie deċiż li ssir tabella biex inaddfu wara l-klieb tagħhom.

3.2 Ġie deċiż li tintbagħat ittra legali lis-sid tal-art fi Triq it-Tellerit minħabba li njora l-ittra li intbagħtet mill-Kunsill.

3.3 Ġiet innutata d-dikjarazzjoni tal-President ta' akkwist ta' art f'Wied Għollieqa.

3.4 Saret diskussjoni rigward in-North Harbour Local Plan. Għandha ssir laqgħa mal-MEPA rigward din nhar it-Tnejn, 14 ta' Ottubru 2013.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 12 ta' Novembru 2013 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Dr Frank Bartolo** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Chairman** |